# ĊINERAMA

*Ta' CHARLES COLEIRO*

Imtlew is-siġġijiet
bil-laħam jogħtor, mitluq
fjakk u mingħajr saħħa,
bil-ħġieġ tal-pupilla jdemma' fid-duħħan
idur u jdur mad-dulur
imwaddab fuq liżar
jew mal-bżieżaq tas-sapun
li jifqa'
il-compere f'nofs id-dlam
mid-dlam li fih ikun.
Irjus, mewġiet
telgħin, neżlin,
oħrajn tnejn tnejn mitluqin
ifittxu fil-qiegħ lil Venere
u 'l-vleġeġ tad-deheb.
Irjus, oħrajn
bil-ġmamar kollha nar
deħlin, ħerġin mis-swaba'
li qabel ħaffru
u ndafru
bil-ħsejjes imbaskta
tas-selofin:
artab il-ġuġu, eħrex it-tqarmiċ,
fliexken u tiben jinbarmu
taħt tkaken u ġlud
u foresta ta' riġlejn
u ħsibijiet.

Ċine jitkellem quddiem
ċine fin-nofs jitkellem bla kliem
ġo ċinerama ta' ċekċik u nifsijiet
li jġemmgħu u jsemmgħu film ieħor
fejn protagonisti
ta' ħdejja, ta' ħdejk
il-ġirien.



Xħin jisbaħ,
it-tmiem ma jkunx:
id-dawl artifiċjali
jikxef uċuh oħrajn,
uċuh bin-ngħas
imdejqa bil-ferħ li xtarru f'sagħtejn
ferħana li d-dulur għadda f'sagħtejn
ħosbiena li d-dramm tagħhom igħaddi s-sagħtejn
u jħażżu fuq ġbinhom qabel l-exit
l-effett ta' dak li raw
— oħrajn l-effett ta' dak li taw —
idejn jitmattru
u ħwejjeġ miġburin
u strument li mill-ġdid
jofroq ix-xagħar, pulit.

1/6/66.

---

# F'LEJL SAJFI

*Ta' P. FELIĊ SAMMUT O.F.M. Conv.*

F'lejl sajfi — t'Awissu — kont rieqed f'kamarti:
Is-sħana qajmitni — wis-sodda ħallejt;
L-arloġġ kien jurini — li l-ħdax kienu daqqu;
Riġlejja kaxkruni — lejn tarġ il-bejt.

Taħt sema kaħlani — imżejjen bil-kwiekeb.
Inxtħett fuq friex iebes — nithenna fil-kwiet
Bil-ġmiel u bil-kobor — tal-ħlejjaq madwari;
Iż-żiffa bis-sirda — tgħaxxaqni kompliet.

O Alla, ja Sidi — Sbuħitek għaġġbitni . . .
Għax b'idek setgħana — Int kollox sawwart!
Għal dan ġieh inroddloK — u 'l ħlejjaq nistieden
Biex ħajr lileK jagħtu — fis-sema u fuq l-art.

Il-ħin malajr għadda — u le jarġa' lura:
Sagħtejn ta' lejl hiemed bħal leħħa għaddew;
Tifkirthom f'dal-veres — fettilli li nħarbex,
Biex f'moħħi jitnaqqxu u qatt ma jintsew.

Burmarrad, bil-lejl: 16-17 ta' Awissu, 1966.